# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Seduta tas-7 t'April, 2016

Appell Nru: 527/2013

**Il-Pulizja**

**Spettur Ramon Mercieca**

**Vs**

**Kenneth Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant Kenneth Cutajar, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 335880M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-8 ta' Novembru, 2012 ghall-habta tas-07:00hrs waqt li kien qieghed fl-inhawi tal-Mellieha, kien qieghed jonsob ghall-ghasafar tal-ghana, matul l-istagun maghluq ghall-insib tal-ghasafar u dan bi ksur tar-Reg. 18(1)(c), L.S 504.71.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' Novembru, 2013, fejn il-Qorti wara li

rat ir-Regolament 18(1)(c), L.S. 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-istess imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' €800.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Kenneth Cutajar, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Novembru, 2013, li bih talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuzi u tilliberah minnhom.

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi mill-provi mressqa jemergi illi fit-8 ta' Novembru 2012, wara rapport ta' insib illegali, il-Pulizija kienu accedew fl-inhawi ta' Popeye Village, l-Mellieha fis-sebgha ta' filghodu qalb ghelieqi mtarrgin u taħthom raw attivita' ta' insib u fl-istess waqt raw persuna tahrab tigri minn fuq il-post. L-istess ufficcjali zarmaw il-mansab u harrbu 15-il ghasfur tal-ghana mizmuma f'gabjetti mal-mansab. Dan xeheduh permezz ta' affidavit PC 804, PC 305, PC 1438 u PC 77 bl-ewwel tnejn jergghu jixhdu viva-voce quddiem din il-Qorti u jikkonfermaw illi l-ghada kienu ircevew informazzjoni anonima dwar min kien il-persuna li harbet minn fuq il-post. Rizultat ta' hekk, PC 804 u PC 305 accedew ghand l-appellant, allura imputat, u gharrfuh bhala dak li kien harab minn fuq il-post li ghal bidu beda jinnega izda aktar tard

ammetta maghhom li kien hu. L-appellant jinnega li kien hu tant li dak il-hin kien qieghed xoghol u produca ittra in rigward minghand min ihaddmu u jghid li quddiem l-ufficcjali tal-pulizija kien ammetta li r-ritratt li urewh kien tassew hu izda li mhux li kien hu l-persuna li kienet qed tonsob;

2. L-appellant iressaq diversi argumenti ghaliex l-Ewwel Qorti ma kellhiex ssib htija fih u dawn jistghu essenzjalment ikunu meqjusa bhala apprezzament zbaljat tal-fatti. L-ewwel ragunament tieghu hu li kien ressaq il-prova li dik il-gurnata kien xoghol u zgur li ma kienx hu li allegatament kien identifikat bhala l-persuna li kien qieghed jonsob il-Mellieha. Jissokta jghid illi mix-xhieda viva voce jidher car illi hemm konflitt ta' prova cara minhabba l-fatt li pulizija xehed li identifika l-imputat minn hamsin metru (50) jigifieri mija u hamsin pied (150) waqt li fl-affidavit hemm indikat li gharfuh minn hames (5) metri l-boghod li apparti l-fatt li minn (50) huwa impossibli li taghraf persuna u dan jikkontrasta max-xhieda bil-miktub in dubbio pro reo u jekk hemm dubbju ghandu jmur favur l-imputat. Oltre dan jirrizulta illi l-pulizija kienu arrestaw persuna anzjana li kellu l-vettura fil-post imsemmi ghax hasbu li kien hu li kien qieghed jonsob u irrizulta li ma kienx hu. L-appellant la kellu vettura u l-anqas ma kien fuq is-sit. Jirrizulta illi din il-persuna inqabdet fil-Popeye Village li biex tasal ghaliha jehtieg vettura specjalment jekk ikollok affarjiet xi ggorr. Jargumenta ukoll l-appellant illi l-pulizija mxew fuq rapport anonimu u b'hekk kien identifikat u din il-prova ma kienitx imressqa. Finalment, l-appellant cahad li ammetta mal-pulizija li kien hu li kien gewwa Popeye Village u li dak li ammetta mal-pulizija li hu kien il-persuna li tidher fl-identification sheet murija lilu u prezentata in atti;

3. Qabel kull kunsiderazzjoni ohra, opportunement ghandu jkun senjalat illi quddiem l-Ewwel Qorti kienu esebiti dokumenti minn

naha tal-prosekuzzjoni. Minn qari tal-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ottubru 2013 jemergi illi "l-prosekuzzjoni esebiet id-dokumenti u tiddikjara li ghalqet il-provi taghha". Il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Novembru 2013 imbaghad jerga jindika li "l-prosekuzzjoni esebiet id-dokumenti u tiddikjara li ghalqet il-provi taghha". Ezaminati l-atti jirrizultaw erba affidavits u zewg dokumenti ohra minn naha tal-prosekuzzjoni. Ma hu xejn car jekk l-affidavits tal-prosekuzzjoni kienux akkluzi mac-citazzjoni jew kienux esebiti waqt is-seduta. Inoltre ma jidher li xehed hadd ghall-prosekuzzjoni li seta esebixxa dawk id-dokumenti. Huwa ferm aktar indikat li meta jkunu esebiti dokumenti, apparti li jkunu debitament mmarkati, jkun indikat ukoll fil-verbal tal-Qorti l-mod kif dawn kienu esebiti u minn min f'kaz li kienu esebiti waqt deposizzjoni.

4. Kwantu ghall-mertu jibda biex jinghad illi wara ezami tal-atti kien biss PC 305 li semma fl-affidavit tieghu li l-Pulizija kienu madwar 15-il metru boghod mill-appellant meta rawh jahrab minn fuq il-post. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti imbaghad ukoll rrefera ghall-istess distanza u dan kien konfermat minn PC 804 u ghalhekk l-argument tal-appellant dwar id-diskrepanza fid-distanza bejn hames metri u hamsin metru mhix sorretta mill-provi mressqa;

5. L-istess provi izda juru li fuq il-post fejn instab dan il-mansab, kien hemm vettura, l-unika vettura fl-inhawi, u sidha ma kienx fuq il-post. Minn stharrig li ghamlu l-Pulizija rrizulta li s-sid tal-vettura kien sajjied u ghalhekk ma kienx ta' interess fl-investigazzjoni taghhom. Wara li ghamlu kuntatt mal-appellant kif indikat *supra*, iz-zewg ufficcjali xehedu li ghall-ewwel nnega izda aktar tard ammetta maghhom li kien hu. Dwar dan, l-appellant jidher li anke quddiem l-Ewwel Qorti xehed illi hu kien qieghed biss jikkonferma li l-persuna fir-ritratt fil-printout tal-PIRS kien hu u dan baqa' jsostnieh anke f'din it-tieni istanza. Il-kaz tal-prosekuzzjoni hu ghalhekk mibni fuq din l-"ammissjoni". Issa, l-appellant jargumenta illi hemm konflitt fil-provi

konsistenti filli l-hin tal-incident kien is-sebgha ta' filghodu meta ma kienx ghadu sebah sew; s-suspettat intlemah f'dak il-hin minn distanza li issa hija stabilita li kienet hmistax-il metru b'mod li l-ufficcjali kienu gholi madwar sular u b'hekk ma setghux facilment jaraw lis-suspettat; sabiex igorr dawk il-gabjetti u xbieki kien jehtieg mezz ta' trasport u fuq il-post ma nstabet ebda vettura li tista' tohloq ness mal-appellant li wara kollox xehed illi f'dak il-hin kien qieghed xoghol bhala chef fi stabbiliment li jinsab distanza konsiderevolment boghod minn fejn sehh l-incident. Il-konflitt jissokta jizdied meta l-appellant jghid li hu ammetta biss ghar-ritratt tieghu muri mill-Pulizija;

6. Issa kif kostantament ritenut mill-Qrati taghna, din il-Qorti, bhala Qorti ta' Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezament u l-konkluzzjoni dwar fatti raggunti mill-Ewwel Qorti hlief jekk tkun konvinta li dik l-ewwel Qorti ma setghetx, fuq il-provi li kellha quddiemha, ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha (ara in rigward, fost skorta ta' sentenzi ohra **Il-Pulizija vs Simon Paris App. Krim., 15.7.1996**). Inoltre "*mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux*" (**ara Pulizija vs Joseph Thorne App. Krim., 9.07.03** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et Qrt. Krim 19.10.2006**). Jizdied ma' dan illi kif intqal fis-sentenza **Il-Pulizija vs Philip Zammit et App Krim 7.9.94** igifieri li hi skoretta l-proposizzjoni li fuq "l-icken dubju" a differenza ta' "dubju dettat mir-raguni", dwar il-konsapevolezza ta' l-akkuzat dan ghandu jkun liberat;

7. Fil-parametri ta' dan l-insenjament, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-Ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghal sejbien ta' htija bazata fuq il-fatti in speci. Il-konflitt fil-provi huwa tali li johloq dubju

serju dwar jekk kienx l-appellant li kien intlemah jahrab minn fuq il-post meta l-Pulizija avvicinaw il-mansab. Kien jimmerita kunsiderazzjoni diversa li kieku l-ufficcjali tal-Pulizija ddikjaraw li ma kellhom edba dubju li l-persuna li rrizultat mir-ritratt minn fuq il-PIRS kienet il-persuna li raw tahrab minn fuq il-post, jekk dik il-persuna imbaghad kienet responsabbli minn dak l-insib illegali;

8. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun milqugh u konsegwentement din il-Qorti qed thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull htija u piena.